# SPES

Mulej, xinhu dal-hemm li nħoss ġo fija?
Int li fil-ħaqq u l-ġieħ u l-ferħ mexxejtni,
U meta tliftha, t-triq tad-dawl urejtni,—
Għidli: għaliex fid-dmugħ ruħi mifnija?

Niftakar: kont fuq l-għatba taż-żgħuzija
Insejt kemm Int ħanin u kemm ħabbejtni,
Ġrejt maħrub waħdi, u għalxejn stennejtni
Mulej, fid-dalma tal-lejliet xitwija.

Il-lum inħoss il-biki f'qalb muġugħa,
Tqalleb il-'jien', u kiesaħ daqs irħama
Għal dejjem miet ġo fija l-ġmiel tal-frugħa.

Irrid, Mulej, ingħix fil-qasam Miegħek,
Irrid l-imħabba, irrid id-dawl tat-Tama,
It-Tama li twassalni fit-triq Tiegħek.

Ġużè Chetcuti